MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2015

Numru. 1303/2007

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Johann Fenech)**

**Vs**

**MARTIN CASSAR**

**KUMP NRU 1303/2007**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat**, MARTIN CASSAR** iben Mario u Maria nee' Vassallo, imwieled 07/07/1980 u joqghod 125, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 334280(M), gie akkuzat talli fl-20 ta' Mejju 2007, ghall-habta tat-03:15pm fit-Triq il-Port Hieles, Birzebbugia soqt vettura Nru.JBA 353 u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Abigail Farrugia skond kif iccertifikaha Dr. Daryl Xuereb M.D. ta' S.L.H.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-15 ta` Jannar 2008 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (ara folio 14);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat li, fl-udjenza ta' llum 22 ta' Gunju 2015, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, u dana anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur u ta` l-Avukat Difensur.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti,

l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu tinsab sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghha.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li kien hemm traskuragni jew perikolozita` fl-estrem taghhom izda l-Qorti hija tal-fehema li kien hemm nuqqas ta` attenzjoni minn naha ta` l-imputat li kien il-kagun ta` dan l-incident;
b. il-fatt li civilment il-mertu ta` dan il-kaz gie rizolt minn naha tas-socjetajiet assikuratrici (ara verbal 22/06/2015);
c. il-fatt mhux ta` ftit importanza li l-imputat huwa youth worker u fil-prezent qed jaghmel Masters fl-Universita` ta` Malta (ara verbal 22/06/2015);
d. l-ammissjoni ta` l-imputat, li ghalkemm ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f'dan il-kaz din il-Qorti qed taghtiha piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b'din is-sentenza;
e. il-fatt li, minn kif irrizultaw il-provi, il-prosekuzzjoni ma insistietx fuq l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan (ara verbal 22/06/2015).

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 u l-Artikoli 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Martin Cassar hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Martin Cassar bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tnax-il xahar mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Martin Cassar fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------